



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

3.2.2010

B7-0081/2010

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa biex jingħalaq id-dibattitu dwar id-dikjarazzjoni mir-Rappreżentant  
Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà

skont l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar is-sitwazzjoni fl-Iran

**Fiorello Provera, Lorenzo Fontana, Mara Bizzotto**  
fisem il-Grupp EFD

RE\803748MT.doc

PE432.934v01-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fl-Iran**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-Iran,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Presidenza tal-UE tat-28 ta' Diċembru 2009 dwar id-dimostrazzjonijiet reċenti fl-Iran,
  - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni maħruġa mir-Rappreżentant Għoli għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà f'isem l-Unjoni Ewropea fit-12 ta' Jannar 2010 dwar il-proċess ta' seba' mexxejja Baha'i fl-Iran,
  - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni mill-President tiegħu tad-9 ta' Ottubru 2009 li fiha tenna l-impenn tal-Parlament għall-abolizzjoni fid-dinja kollha tal-piena tal-mewt, b'denunzja speċifika tal-piena kapitali għal reati mwettqa minn minorenni u l-eżekuzzjonijiet imminenti fl-Iran,
  - wara li kkunsidra r-Riżoluzzjonijiet tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti 62/149 tat-18 ta' Diċembru 2007 u 63/168 tat-18 ta' Diċembru 2008 dwar moratorju fuq l-użu tal-piena tal-mewt,
  - wara li kkunsidra l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi (ICCPR), il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali (ICESCR), il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni Razzjali, u l-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal, li r-Repubblika Iżlamika tal-Iran hija firmatarja tagħhom kollha,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-kommemorazzjonijiet reċenti ta' Ashura kienu kkaratterizzati mis-suppressjoni vjolenti tad-dimostranti u minn arresti arbitrarij f'Tehran u fi bliet Iranjani oħra, li wassal għall-qtil ta' tal-anqas tmienja min-nies,
- B. billi l-Iran ma osservax l-iskadenza tal-aħħar tas-sena biex jottepera ruħu mas-sejthiet biex jiftaħ il-faċilitajiet nukleari tiegħu għall-ispetturi tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA);
- C. billi lil diversi membri tal-oppożizzjoni, li bħalissa qed jinżammu fil-Ħabs Evin ta' Tehran, inċaħdilhom il-kuntatt mal-familjari tagħhom, sew bit-telefon kif ukoll wiċċ imb'wiċċ; billi għad mhuwiex ċar id-destin ta' bosta minn dawk li jappoġġaw l-oppożizzjoni u li sfaw arrestati matul id-dimostrazzjonijiet ta' wara l-elezzjoni;
- D. billi żewġ bloggers u attivisti tad-drittijiet tal-bniedem, Mehrdad Rahimi u Kouhyar Goudarzi, li bħalissa jinsabu miżmuma fil-Ħabs Evin ta' Tehran, ġew akkużati bil-'moharebeh' (gwerrija kontra Alla), reat li l-piena għalih hija l-mewt,

- E. billi bosta attivisti tad-drittijiet tan-nisa sfaw arrestati b'konnessjoni mad-dimostrazzjonijiet ta' Ashura, inklużi Badralsadat Mofidi (Segretarju tal-Unjin tal-Ġurnalisti), Bahareh Hedayat (membru tal-Kumitat Ċentrali tal-Uffiċċju Nazzjonali għat-Trawwim tal-Għaqda), Nasrin Vaziri (ġurnalista għal ILNA u Khabar Online), Shiva Nazar Ahari (ġurnalista), Parisa Kakae (ġurnalista), Mansoureh Shojaei (riċerkatriċi, membru taċ-Ċentru Kulturali tan-Nisa), Negin Derakhshan (editur tal-gazzetta Tehran Today) u Atieh Yousefi,
- F. billi s-sitwazzjoni ġenerali rigward id-drittijiet tal-bniedem fl-Iran baqgħet sejra għall-aġġar wara l-elezzjonijiet presidenzjali ta' Ġunju 2009; billi t-tortura u t-trattament ħażin u l-istupru tal-primunieri, in-nuqqas ta' rqađ, il-primunerija solitarja, id-detenzjoni klandestina, l-applikazzjoni ta' kastigi krudili, inumani u degradanti u l-impunità tal-aġenti tal-istat għadhom komuni,
- G. billi l-Iran huwa l-pajjiż li jwettaq l-akbar għadd ta' eżekuzzjonijiet wara ċ-Ċina, u dan l-għadd kiber b'erba' darbiet mindu l-President Mahmoud Ahmedinejad ħa l-poter fl-2005, u billi l-Iran sfortunatament jispikka bħala l-uniku pajjiż fid-dinja li għadu joqtol lil minorenni li jkunu wettqu reat,
- H. billi fit-12 ta' Jannar 2010 f'Qom aġenti tal-Ministeru tal-Intelliġenza tal-Iran arrestaw lill-Ayatollah Mohammad Taqi Khalaji, missier Mehdi Khalaji, akkademiku li jaħdem fil-Washington Institute for Near East Policy, u billi fid-19 ta' Jannar 2010 ġie ttrasferit għall-primunerija solitarja fil-Ħabs Evin ta' Tehran,
- I. billi l-attivisti politiċi u tad-drittijiet tal-bniedem Kurdi Habib Lotfi, Farzad Kamangar, Zeynab Jalalianm u Shirko Maarefi jinsabu fil-periklu imminenti tal-eżekuzzjoni,
- J. billi fis-26 ta' Jannar 2010 żewġ żgħażaġh Baha'i, Bahman Yazdani u Vesal Mohammadi, sfaw arrestati fil-belt ta' Mashad u għadhom miżmuma f'post mhux magħruf,
- K. billi l-qabar ta' Neda Agha Soltan, iż-żagħżuġha Iranjana li sparawlha f'sidirha fid-dimostrazzjonijiet ta' wara l-elezzjoni, spiss ġie vvandalizzat,
1. Jikkundanna bil-qawwa l-użu tal-vjolenza mill-Gvern Iranjan kontra d-dimostranti li qed jippruvaw jeżerċitaw id-dritt tagħhom għal-libertà tal-espressjoni u l-assemblea paċifika; juri r-rispett tiegħu quddiem il-kuraġġ ta' dawk l-irġiel u n-nisa Iranjani kollha li qed jiddefendu l-libertajiet bażiċi u l-prinċipji demokratiċi tagħhom u li qed jesprimu x-xewqa tagħhom li jgħixu f'soċjetà ħielsa mir-ripressjoni u l-intimidazzjoni; ifakkar fis-sagrifiċċju ta' Neda Agha Soltan, li saret is-simbolu tar-ripressjoni vjolenti kontra dawk li qed jiġġieldu għal riformi demokratiċi;
  2. Jinnota li l-libertà tal-ħsieb, tal-kuxjenza u tar-reliġjon huma fundamentali u inaljenabbli li jeħtieġ li jkunu garantiti f'kull ċirkostanza, skont l-Artikolu 18 tal-ICCPR, li r-Repubblika Iżlamika tal-Iran iffirmatu u rratifikatu;
  3. Jikkundanna l-użu tal-vjolenza, eċċessiva u fuq skala kbira, l-arrest arbitrarju u t-tortura allegata fir-ripressjoni tad-dimostranti wara l-irvelli ta' Ashura u l-funeral tal-Ayatollah Montazeri; isejjaħ biex id-dimostranti paċifiċi kollha u dawk kollha li sfaw arrestati fil-kuntast usa' tad-disturbi reċenti - sew jekk huma studenti, akkademiki, persuni li jieħdu

sehem f'kampanji, membri tal-kleru, ġurnalisti jew attivisti tad-drittijiet tal-bniedem - jinħelsu bla kundizzjonijiet;

4. Jesprimi tħassib dwar il-fatt li l-akkwist ta' kapaċitajiet nukleari militari min-naħa tal-Iran jista' jirrappreżenta theddida serja għas-sigurtà u l-istabbiltà tar-reġjun; għal dik ir-raġuni, isejjaħ biex il-Gvern tal-Iran iwettaq kull attività nukleari b'mod li jkun trasparenti għall-komunità internazzjonali, u għaldaqstant taħt is-superviżjoni sħiħa tal-IAEA;
5. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Iranjani biex jeliminaw, fil-liġi u fil-prattika, kull forma ta' tortura u trattament jew kastig krudil, inuman u degradanti, u biex isostnu l-proċess xieraq tal-liġi u jgħibu fi tmiemha l-impunità għall-ksur tad-drittijiet tal-bniedem;
6. Jiddeplora l-eżekuzzjoni fit-28 ta' Jannar 2010 ta' Mohammad Reza Ali-Zamani u Arash Rahmani-Pour, li kienu akkużati li organizzaw dimostrazzjonijiet wara l-elezzjoni f'Ġunju 2009, minkejja li kienu diġà miżmuma f'dak il-waqt;
7. Itenni l-istedina tiegħu lill-awtoritajiet Iranjani biex jabolixxu l-piena tal-mewt u, sadattant, biex jistabilixxu moratorju fuq l-eżekuzzjonijiet, kif jitolbu r-riżoluzzjonijiet 62/149 u 63/168 tal-Assemblea Ġenerali tan-NU;
8. Jirrakkomanda li l-Kummissarju Għoli tan-NU għad-Drittijiet tal-Bniedem jibgħat Rappreżentant Speċjali biex jimmoniterja s-sitwazzjoni tad-detenuati politiċi u biex jiżgura li l-awtoritajiet Iranjani jaderixxu mal-istandards ta' proċedura internazzjonali u mal-obbligi legali tagħhom rigward id-drittijiet tal-bniedem;
9. Jikkundanna l-istqarrija tar-rappreżentant tal-Ayatollah Ali Khamenei fil-Gwardja Revoluzzjonarja, Ali Saeedi, li fiha ammetta li l-qtil ta' 75 000 ruħ ma jkunx prezz għali wisq għall-protezzjoni u s-salvagwardja tar-Repubblika Iżlamika.
10. Jiddeplora r-restrizzjoni sistematika tal-libertà tal-informazzjoni permezz tal-imblukkar tal-websajts, projbizzjoni fuqhom biex ma jkoprux dimostrazzjonijiet mhux awtorizzati, u l-impożizzjoni ta' restrizzjonijiet ġodda li lill-ġurnalisti jobbligawhom jiksbu permess qabel ma jirrapurataw dwar kwalunkwe fatt; jikkundanna bil-qawwa d-deċizzjoni tal-Gvern Iranjan li jiġġammja s-servizz Persjan tal-BBC, wara li l-kanal tneħħa minn satellita ta' EutelSat;
11. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lis-Segretarju Ġenerali tan-NU, lill-Kunsill għad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU, u lill-Gvern u l-Parlament tar-Repubblika Iżlamika tal-Iran.